

# Il-Festa l-Kbira

## *Ċelebrazzjoni li għaqqdet l-erba' Festi tal-Belt Valletta*

**Carl Farrugia**

Is-sena 2018 hija sena importanti ħafna għall-Belt Valletta u dan minħabba li Beltna għandha t-titlu tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura flimkien mal-belt Olandiża ta' Leeuwarden. Fost il-ħafna attivitajiet organizzati mill-Fondazzjoni Valletta 2018, waħda minnhom laqqgħet l-erba' festi tal-Belt fejn f'jumejn it-toroq tal-Belt Valletta mtlew bil-pavaljuni sbieħ li kull festa fil-Belt għandha u rat kollaborazzjoni kbira bejn l-erba' festi. Il-Festa l-Kbira, l-isem li ngħatat lil din l-attività għaqqdet f'festa waħda ħafna minn dak li naraw fl-erba' festi flimkien. Matul dawn il-festi, li jiġu ċċelebrati fi żminijiet differenti tas-sena, wieħed jara diversi armar li jsebbaħ it-toroq, ċelebrazzjonijiet reliġjużi, baned u briju li jkomplu jsebbħu l-Belt u jkomplu jżidu mal-kultura u t-talent Belti. L-attività tal-Festa l-Kbira saret bejn is-6 u s-7 ta' April.

Il-ħidma għall-Festa l-Kbira kienet tinvolvi ħafna sigħat ta' ħidma u uġigħ ta' ras għall-organizzaturi li bdew il-ħidma tagħhom f'Awwissu 2017. Matul ix-xahar ta' Settembru 2017 saret l-ewwel laqgħa fejn ġew mistiendna l-għaqdiet li jarmaw għall-festi tal-Belt, il-Pirjol tal-Karmnu, l-Arċipriet ta' San Pawl u l-Kappillani ta' San Duminku u Santu Wistin u ż-żewġ baned tal-Belt. F'din il-laqgħa ġie spjegat il-ħsieb tal-Fondazzjoni għall-Festa l-Kbira u x'kienet qed tistenna l-Fondazzjoni mill-għaqdiet. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u kulħadd kien ħerqan biex din il-ħolma ta' ħafna Beltin issir realtà. Bejn Settembru 2017 u Marzu 2018 saru diversi laqgħat sabiex jiġu diskussi l-programm tal-attività, x'armar kien se jintrama, f'liema ordni kienu se jimxu l-vari u diversi affarijiet oħra relatati mal-loġistika fejn dehret il-koperazzjoni bejn kulħadd biex il-Festa tirnexxi. Kien miftiehem li Triq ir-Repubblika tinqasam bejn l-erba' festi u tintrama bil-pavaljuni prinċipali li jintramaw fl-istess triq filwaqt li t-toroq l-oħra minn fejn se jgħaddu l-vari u toroq jintramaw ukoll bil-pavaljuni.

Il-ġimgħa ta' wara l-Għid il-Kbir kienet diġà ġimgħa importanti ħafna għas-Santwarju fejn wara li bejn Ottubru 2017 u Marzu 2018 sar ix-xogħol fuq il-pavimentar il-ġdid tas-Santwarju fit-2 ta' April ġie inawgurat il-pavimentar filwaqt li fl-4 ta' April ġie kkonsagrat is-Santwarju mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Scicluna. Flimkien ma' dawn il-festi tal-Konsagrazzjoni tal-knisja din il-ġimgħa kompliet tkun iktar speċjali bil-Festa l-Kbira.

Fis-6 ta' April iż-żewġ baned ewlenin tal-Belt Valletta, il-Banda La Valette u l-Banda King's Own ħadu sehem f'marċ li telaq minn Pjazza Helsien sa Pjazza San Ġorġ fejn fi Triq ir-Repubblika ndaqqu diversi marċi popolari. Fid-9.00 p.m. beda kunċert konġunt bejn iż-żewġ baned fuq palk fi Pjazza San Ġorġ fejn indaqqu diversi

biċċiet tal-mużika differenti. Waqt l-attività kien hemm diskorsi mid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Catherine Tabone, miċ-*Chairman* tal-Fondazzjoni Jason Micallef, milll-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Deo Debattista. Wara dawn id-diskorsi l-erba' baned li ħadu sehem fil-Festa l-Kbira ngħataw standard tal-Fondazzjoni Valletta 2018 filwaqt li l-għaqdiet u l-mexxejja spiritwali tal-knejjes ngħataw plakka tal-okkażjoni.

L-għada is-Sibt 7 ta' April fil-5.00 p.m. fl-erba' knejjes saret quddiesa animata mill-kor. Għal ħabta tas-6.00 p.m. bdew joħorġu l-purċissjonijiet mill-erba' knejjes. Il-purċissjoni mis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu kellha s-sehem tal-fratelli mill-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu filwaqt li kienet mmexxija mill-Pirjol P. Alex Scerri bir-relikwija. Hekk kif il-vara waslet ħdejn il-bieb ta' barra tas-Santwarju ntlaqgħet biċ-ċapċip ta' dawk preżenti filwaqt li l-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq daqqet l-innu *Fjur tal-Karmelu*. Il-vara devota tal-Madonna tal-Karmnu daret għal Triq it-Teatru u telgħet għal Triq l-Ifran u daret għal Triq l-Arċisqof. Hekk kif il-vara tal-Madonna tal-Karmnu waslet fi Pjazza San Ġorġ ntlaqgħet miċ-ċapċip tal-folla preżenti. Wara li l-vari kollha tpoġġew viċin xulxin quddiem il-Palazz tal-President. Sar mument ta' talb immexxi minn Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna u wara erbat itfal mill-festi rispettivi qalu talba. F'isem is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu qrat it-talba Michea Zammit. Wara l-mument ta' talb il-Pirjol flimkien mal-Arċipriet u l-Kappillani ppreżentaw bukkett tal-fjuri lill-vari l-oħra. Dan kien mument speċjali fejn dehret l-għaqda bejn il-festi tal-Belt.

Għal ħabta tat-8.00 p.m. kompliet l-purċissjoni billi l-vari bdew joħorġu minn Pjazza San Ġorġ għal Pjazza Helsien bl-ewwel vara li toħroġ mill-pjazza tkun dik ta' San Pawl bil-banda La Valette warajha. Warajha kien hemm il-vara ta' Santu Wistin bil-banda Beland taż-Żejtun filwaqt li wara mxiet il-vara ta' San Duminku bil-banda tal-King's Own u fl-aħħar il-vara tal-Madonna tal-Karmnu bil-banda Queen Victoria taż-Żurrieq. Matul triq ir-Repubblika ndaqqu diversi marċi li allegraw lil dawk preżenti.

Il-vari waslu kollha quddiem il-bini tal-Parlament fi Pjazza Helsien. Wara l-vari telqu għall-knejjes tagħhom. Il-vara tal-Madonna tal-Karmnu għaddiet minn Triq ir-Repubblika u wara niżlet għal Triq it-Teatru l-Antik fejn daħlet fis-Santwarju tagħha u ġiet milqugħa bid-daqq tal-*Flos Carmeli*.

Ix-xahar ta' April kien xahar importanti ħafna għal kull min għandu għall-qalbu s-Santwarju u l-Madonna tal-Karmnu hekk kif se jiġi mfakkar għall-inawgurazzjoni tal-pavimentar, il-Konsagrazzjoni tal-Knisja kif ukoll l-avveniment fejn l-erba' vari tal-Belt ħadu sehem f'purċissjoni waħda li kompliet għaqqdet l-erba' festi flimkien.

Ringrazzjament imur lejn il-Fondazzjoni Valletta 2018 b'mod speċjali lil Pawlu Mizzi u Christopher Cassar flimkien ma' grupp kbir ta' nies li kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' din il-festa, l-għaqdiet tal-Armar tal-Belt li armaw il-Belt bl-armar sabiħ li kompla sebbaħ dan l-avveniment lit-tliet Parroċċi li flimkien mal-komunità tas-Santwarju aċċettaw li jinħarġu l-vari, lir-reffiegħa kif ukoll liż-żewġ baned tal-Belt flimkien maż-żewġ baned l-oħra li ħadu sehem f'dan l-avveniment.
















***Is-Sibt 7 t'April 2018 - Il-Festa l-Kbira -*** **Saret Quddiesa u wara purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mat-toroq tal-Belt Valletta, li ngħaqdet mat-tliet statwi l-oħra tal-Belt Valletta.**








***Il-Ħadd 8 ta' April 2018 – Lejla ta' Radd il-Ħajr***

**Kunċert mtella' mill-Valletta Ensemble taħt id-direzzjoni ta' Valhmor Montfort u żewġ soprani Hannah Bonnici u Mikaela Agius.**